REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1243

tal-1 ta' Settembru 2020

dwar l-estensjoni tad-deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għas-sajd mit-tartaruni għall-makku u l-makku ferreri (*Aphia minuta* u *Pseudaphia ferreri*) u għall-arżnell (*Spicara smaris*) f'ċerti ilmijiet territorjali ta' Spanja (il-Gżejjer Baleariċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 jipprojbixxi l-użu ta' rkaptu rmunkat fl-inħawi ta' tliet mili nawtiċi tal-kosta jew fl-isobath ta' 50 metru fejn jintlaħaq dak il-fond f'distanza iqsar mill-kosta.

(2) Fuq talba ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tippermetti deroga mill-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, dment li jiġu ssodisfati għadd ta' kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(5) u (9).

(3) Ingħatat deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) għas-sajd mit-tartaruni għall-makku u l-makku ferreri (*Aphia minuta* u *Pseudaphia ferreri*) u għall-arżnell (*Spicara smaris*) fl-ibħra territorjali Spanjoli tal-Gżejjer Baleariċi għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru 2016 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1233/2013 ([2]). Dik id-deroga kienet ibbażata fuq deroga addizzjonali mid-daqs minimu tal-malji adottata minn Spanja skont l-Artikolu 9(7) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 minħabba li mingħajrha, is-sajd rilevanti ma kienx isir u kien ikollu jieqaf.

(4) Ingħatat estensjoni tad-deroga sal-31 ta' Diċembru 2019 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/662 ([3]), filwaqt li tqies il-pjan ta' ġestjoni għas-sajd li għalih tapplika d-deroga stabbilit minn Spanja skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(5) Fit-3 ta' Settembru 2019, l-awtoritajiet Spanjoli talbu lill-Kummissjoni biex testendi d-deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2019. Spanja pprovdiet abbozz tal-pjan ta' ġestjoni l-ġdid għall-perjodu 2019-2022 li se jiġi rregolat mir-regoli nazzjonali eżistenti ([4]). Spanja pprovdiet informazzjoni aġġornata biex tiġġustifika t-tiġdid tad-deroga.

(6) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ivvaluta l-abbozz tal-pjan ta' ġestjoni f'Novembru 2019 ([5]) u t-talba għall-estensjoni tad-deroga f'Marzu 2020 ([6]).

(7) L-STECF ikkonkluda li l-pjan ta' ġestjoni għat-tartaruni fil-Gżejjer Baleariċi fil-perjodu 2016-2019 kien implimentat kif suppost u li l-kundizzjonijiet li fuqhom ingħatat id-deroga rigward id-distanza minima mill-kosta u l-fond fl-2016 baqgħu jiġu ssodisfati. L-STECF jinnota li l-irkaptu tas-sajd jidher li huwa selettiv ħafna.

([1]) ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1233/2013 tad-29 ta' Novembru 2013 li jistabbilixxi deroga mir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għas-sajd mit-tartaruni għall-makku u l-makku ferreri (*Aphia minuta* u *Pseudaphia ferreri*) u għall-arżnell (*Spicara smaris*) f'ċerti ilmijiet territorjali ta' Spanja (il-Gżejjer Baleariċi) (ĠU L 322, 3.12.2013, p. 17).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/662 tal-25 ta' April 2019 li jestendi d-deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għas-sajd bit-tartaruni għall-makku (*Aphia minuta*), għall-makku ferreri (*Pseudaphia ferreri*) u għall-arżnell (*Spicara smaris*) f'ċerti ilmijiet territorjali ta' Spanja (il-Gżejjer Baleariċi) (ĠU L 112, 26.4.2019, p. 16).

([4]) Decreto 19/2019, de 15 de marzo, por el que se establece el Plan de Gestión Pluriinsular para la Pesca con Artes de Tiro Tradicionales en aguas de las Illes Balears (BOIB No 035, 16.3.2019, p. 9442).

([5]) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd – Ir-rapport tat-62 laqgħa plenarja (PLEN-19-03), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2019, ISBN 978-92-76-14169-3, doi:10.2760/1597, JRC118961.

([6]) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd – Ir-rapport tat-63 laqgħa plenarja (PLEN-20-01), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2020, ISBN 978-92-76-18117-0, doi:10.2760/465398, JRC120479.

(8) L-STECF issuġġerixxa ċerti aġġustamenti, b'mod partikolari billi tiġi stabbilita TAC ġdida skont il-qabdiet reċenti u billi jiġi ċċarat it-trikkib possibbli f'żewġ bajjiet fis-sajd bil-Jonquiller li għandu fil-mira l-makku u l-qigħan tal-ħaxix tal-baħar.

(9) Fid-dawl tal-evalwazzjoni tal-STECF, il-Kummissjoni tinnota li f'ittra mibgħuta lill-Kummissjoni fl-4 ta' Ġunju 2020 ([7]), l-awtoritajiet Spanjoli impenjaw ruħhom li jallinjaw il-Qabda Totali Permissibbli (TAC) staġonali mal-qabdiet medji osservati fis-snin reċenti u li jniedu studju xjentifiku biex jiċċaraw jekk is-sajd jinteraġixxix mal-qigħan tal-ħaxix tal-baħar fiż-żewġ bajjiet ikkonċernati. Spanja impenjat ruħha wkoll li tipprojbixxi s-sajd fiż-żewġ bajjiet ikkonċernati mill-inqas sakemm l-STECF ikun ivvaluta l-istudju xjentifiku u li tinforma lill-Kummissjoni dwar is-segwitu tal-impenji msemmijin hawn fuq.

(10) Id-deroga li talbet Spanja tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(5) u (9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(11) Jeżistu limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi meta wieħed iqis id-daqs limitat tal-blata kontinentali u d-distribuzzjoni spazjali tal-ispeċi fil-mira, li hija limitata esklużivament għal ċerti żoni fiż-żoni kostali f'fond li jkun anqas minn 50 metru.

(12) Is-sajd ma għandu l-ebda impatt sinifikanti fuq l-ambjent tal-baħar, minħabba li t-tartaruni jinġibdu fil-kolonna tal-ilma. Minħabba l-użu tal-ekosondi, is-sajd huwa selettiv ħafna bi ftit qabdiet inċidentali. Barra minn hekk, il-qabda mhux mixtieqa jiġu rilaxxati immedjatament ħajjin b'sopravvivenza għolja ħafna.

(13) Id-deroga li talbet Spanja taffettwa għadd limitat ta' 55 bastiment.

(14) Is-sajd ma jistax isir bi rkaptu ieħor, minħabba li t-tartaruni huma l-uniku rkaptu rregolat li huwa permess li jaqbad dawn it-tliet speċijiet fil-mira li jgħixu fi ġliba fl-ilmijiet kostali baxxi.

(15) It-talba tkopri l-bastimenti rreġistrati f'ċensiment marittimu ġestit mid-Direttorat Ġenerali għas-Sajd u l-Ambjent tal-Baħar tal-Gżejjer Baleariċi li għandhom esperjenza vasta ta' aktar minn ħames snin fis-sajd u jaħdmu skont il-pjan ta' ġestjoni li jirregola s-sajd mit-tartaruni għall-makku u l-makku ferreri (*Aphia minuta* u *Pseudaphia ferreri*) u għall-arżnell (*Spicara smaris*). Dawk il-bastimenti jinsabu f'lista li ntbagħtet lill-Kummissjoni skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 13(9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(16) Il-pjan ta' ġestjoni jiggarantixxi li fil-ġejjieni mhux se jiżdied l-isforz tas-sajd, billi l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd se jinħarġu biss lil 55 bastiment speċifikati, kull wieħed limitat għal 12 m fid-daqs u 198,5 kW fil-potenza. Barra minn hekk, huma stabbiliti tunnellaġġ u potenza akkumulati massimi, u s-sajd jieqaf sal-istaġun tas-sajd li jmiss jekk tintlaħaq it-TAC staġonali.

(17) L-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 li jippermetti s-sajd 'il fuq mill-ħabitats protetti jekk is-sajd isir mingħajr ma jintmess il-qiegħ tal-ħaxix tal-baħar b'ċerti kundizzjonijiet.

(18) Barra minn hekk, is-sajd ikkonċernat ma kienx jista' jsir mingħajr deroga mid-daqs applikabbli tal-malji.

(19) Madankollu, minħabba li s-sajd ikkonċernati huwa selettiv ħafna, għandu effett negliġibbli fuq l-ambjent u mhuwiex affettwat mid-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, fil-passat Spanja awtorizzat id-deroga mid-daqs minimu tal-malji abbażi tal-Artikolu 9(7) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(20) L-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 tħassar bir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]). Madankollu, skont il-punt 4 tal-parti B tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2019/1241, id-derogi mid-daqsijiet minimi tal-malji adottati abbażi tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, li kienu fis-seħħ fl-14 ta' Awwissu 2019, jistgħu jkomplu japplikaw, dment li ma jwasslux għaż-żieda fil-qabdiet tal-ħut li għadu qed jikber. Din id-deroga estiża tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15(5) u fil-punt 4 tal-Parti B tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2019/1241, peress li ma twassalx għal deterjorament tal-istandards ta' selettività, b'mod partikolari f'termini ta' żieda fil-qabdiet ta' ħut li jkun għadu qed jikber, li kienu jeżistu fl-14 ta' Awwissu 2019 u għandha l-għan li tikseb l-objettivi u l-miri stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 ta' dak ir-Regolament.

([7]) Ares(2020)2879866.

([8]) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2009, p. 105).

(21) L-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([9]).

(22) Is-sajd ikkonċernat isir f'distanza qasira ħafna mill-kosta u għaldaqstant ma jfixkilx l-attivitajiet tas-sajd ta' bastimenti oħra.

(23) Is-sajd ikkonċernat huwa rregolat fil-pjan ta' ġestjoni Spanjol biex jiġi żgurat li l-qabdiet tal-ispeċijiet imsemmija fl-Anness IX tar-Regolament (UE) 2019/1241 ikun minimu.

(24) It-tartaruni ma għandhomx fil-mira ċ-ċefalopodi.

(25) Il-pjan ta' ġestjoni Spanjol fih miżuri għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd, kif previst fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(26) Għalhekk jenħtieġ li tingħata d-deroga mitluba.

(27) Jenħtieġ li Spanja tirrapporta lill-Kummissjoni fi żmien xieraq u f'konformità mal-pjan ta' monitoraġġ previst fil-pjan ta' ġestjoni Spanjol.

(28) B'limitu fit-tul tad-deroga jkunu jistgħu jittieħdu miżuri ta' ġestjoni korrettivi fil-pront, f'każ li l-monitoraġġ tal-pjan ta' ġestjoni jkun juri status ta' konservazzjoni dgħajjef għall-istokk sfruttat, filwaqt li jkun hemm lok li titjieb il-bażi xjentifika għal pjan ta' ġestjoni aħjar. Jenħtieġ li t-tmiem tad-deroga tiġi ffissata fi tmiem l-istaġun tas-sajd. Għalhekk, jenħtieġ li d-deroga tapplika sat-30 ta' April 2023.

(29) Billi d-deroga li ngħatat permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/662 skadiet fil-31 ta' Diċembru 2019, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità legali, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2020. Għal raġunijiet ta' ċertezza tad-dritt, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ b'urġenza.

(30) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Deroga

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 ma għandux japplika fl-ibħra territorjali ta' Spanja maġenb il-kosta tal-Gżejjer Baleariċi għas-sajd għall-makku u l-makku ferreri (*Aphia minuta* u *Pseudaphia ferreri*) u għall-arżnell (*Spicara smaris*) mit-tartaruni li qed jintużaw minn bastimenti li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) huma rreġistrati fiċ-ċensiment marittimu ġestit mid-Direttorat Ġenerali għas-Sajd u l-Ambjent tal-Baħar tal-Gżejjer Baleariċi;

(b) għandhom aktar minn ħames snin esperjenza f'dan it-tip ta' sajd u mhux se jiżdidilhom l-isforz tas-sajd fil-ġejjieni;

(c) għandhom awtorizzazzjoni għas-sajd u joperaw skont il-pjan ta' ġestjoni li adottat Spanja f'konformità mal-Artikolu 19 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

Artikolu 2

Pjan ta' monitoraġġ u rappurtar

Spanja għandha tikkomunika lill-Kummissjoni rapport imfassal f'konformità mal-pjan ta' monitoraġġ stabbilit fil-pjan ta' ġestjoni msemmi fl-Artikolu 1(c), għall-ewwel darba sat-30 ta' Settembru 2020 u, imbagħad, kull 12-il xahar.

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u perjodu ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020 sat-30 ta' April 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Settembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN